# BirdLife Malta tilqa' l-Grand Harbour Clean Air Project bħala l-ewwel pass lejn Emission Control Area fil-Mediterran

BirdLife Malta tilqa' l-aħbar li l-Gvern se jkun qed jinvesti €50 fi proġett li se jagħmilha possibbli li l-cruise liners marbutin mal-moll fil-Port il-Kbir jiġu pprovduti bl-elettriku minn fuq l-art, pass fid-direzzjoni t-tajba li se jġib miegħu benefiċċji f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-arja għal dawk kollha li jgħixu f'dawn l-inħawi. Nilqgħu din l-aħbar pożittiva b'sodisfazzjon akbar minħabba l-fatt li BirdLife Malta ilha għal dawn l-aħħar snin tmexxi kampanja biex tqajjem kuxjenza dwar l-importanza li jonqos it-tniġġis tal-arja ġġenerat mill-vapuri tal-passiġġieri fil-Mediterran.

Issa, grazzi għall-Grand Harbour Clean Air Project li tħabbar ilbieraħ mill-Ministru Ian Borg, l-installazzjoni ta' din l-infrastruttura fil-Belt Valletta se tippermetti li bastimenti fil-port ikunu jistgħu jitfu l-magni tagħhom u jieħdu l-provvista tal-elettriku minn mal-moll – xi ħaġa li se twassal biex jonqsu drastikament l-emissjonijiet fuq iz-zona tal-Port il-Kbir u lil hinn minnha.

Permezz tal-proġett "Together against Air Pollution from Ships" imniedi f'Diċembru 2016, BirdLife Malta kienet għaddejja b'ħidma ma' diversi msieħba u NGOs ambjentali oħra fil-Mediterran f'dan is-settur importanti. Li jsir investiment f'din it-tip ta' teknoloġija biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-vapuri kienet waħda mis-soluzzjonijiet proposti minn dan il-proġett, flimkien mal-oġġettiv ewlieni li tiġi stabbilita dik li tissejjaħ Emission Control Area (ECA) fir-reġjun tal-Mediterran. ECA tkun zona fil-baħar li fiha jiġu imposti kontrolli aktar stretti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-vapuri.

Huwa stmat li l-emissjonijiet mill-industrija tat-tbaħħir jikkaġunaw 50,000 mewt qabel iż-żmien fis-sena fl-Ewropa u jfissru spiża ta' €60 biljun f'nefqa tas-saħħa biss kull sena fl-Unjoni Ewropea. Skont l-aħħar statistika tal-UE, kull sena jintilfu 44,000 ġurnata xogħol f'leave tal-mard marbut mat-tniġġis tal-arja. Madanakollu studju li sar fi Franza s-sena l-oħra wera li t-twaqqif ta' ECA fil-Mediterran jista' potenzjalment isalva 6,000 ħajja kull sena u jiġu ffrankati sa €14-il biljun fi spejjeż tas-saħħa.

Aħna kuntenti li sa fl-aħħar qed naraw uħud mir-rakkomandazzjonijiet tagħna jsiru realtà, u issa nħarsu 'l quddiem biex naraw lill-Gvern imur pass oltre u jiddikjara l-appoġġ tiegħu għall-isforzi li qed isiru fuq livell internazzjonali biex tiġi stabbilita ECA fir-reġjun tagħna. Waqt li Spanja, Franza u l-Italja diġà vvutaw favur, il-Gvern

Malti sal-lum għadu ma ddikjarax l-appoġġ tiegħu għal din il-miżura, minkejja li Malta għandha l-ikbar flotta reġistrata mal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO). Il-Gvern Malti għalhekk jista' jkun strumentali biex iġib it-tibdil meħtieġ anke fuq livell Mediterranju billi juża l-pożizzjoni ċentrali u influwenti ta' pajjiżna ħalli jagħmel lobbying ma' stati oħra Mediterranji biex jappoġġjaw huma wkoll id-dikjarazzjoni tal-Baħar Mediterran bħala ECA.

L-inizjattiva pożittiva li nieda l-Gvern ilbieraħ tippremja l-ħidma effettiva ta' BirdLife Malta f'dan il-każ, u hija wkoll xhieda ta' kif irnexxielna nuru l-benefiċċji ambjentali, finanzjarji u marbutin mas-saħħa li pass importanti bħal dan iġib miegħu għall-popolazzjoni. Mhux li kien li l-awtoritajiet jagħtu kas il-proposti kollha li nagħmlu, kieku verament ikollna pajjiż aħjar!

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Nota lill-edituri dwar l-ECA**
Cruise liners li jidħlu f'ECA (bħalma hija SECA, Sulphur Emission Control Area) ikunu obbligati jaqilbu għal fuel aktar nadif u jillimitaw il-kontenut massimu ta' kubrit fil-fuel oils għal 0.1% meta mqabbel ma' zoni li mhumiex ECA fejn il-limitu permess huwa ta' 0.5%. Fid-dinja hawn erba' ECAs: il-Baħar Baltiku, Il-Baħar tat-Tramuntana, l-ECA tal-Amerika ta' Fuq u l-ECA tal-US Caribbean. It-twaqqif ta' ECA fil-Mediterran huwa l-oġġettiv prinċipali tal-proġett "Together against Air Pollution from Ships" li permezz tiegħu BirdLife Malta ngħaqdet ma' diversi għaqdiet ambjentali tal-Mediterran mill-Italja, Spanja u Franza u mal-imsieħba tagħha fil-familja tal-BirdLife, in-NABU (BirdLife Germany) u Ornithologiki (BirdLife Greece) biex tqajjem kuxjenza dwar it-tniġġis tal-arja ġġenerat mill-vapuri tal-passiġġieri fil-Mediterran. Eżerċizzju biex titkejjel il-kwalità tal-arja li konna għamilna fil-Port il-Kbir fl-2018 kien wera konċentrazzjoni qawwija ta' frak fin ħafna (*ultrafine particles*) u ta' $NO_2$ meta fil-port kienu deħlin jew ħerġin il-vapuri tal-passiġġieri, inkella meta dawn kienu marbutin mal-moll.

**Ritratti mehmużin:**
1. Cruise Liner fil-Port il-Kbir ta' Malta (Ritratt ta' Eleni Karatzia)
2. Eżerċizzju ta' kejl tat-tniġġis tal-arja fil-port (Ritratt ta' Eleni Karatzia)

**Filmati (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**
- Teħid ta' kampjuni tal-arja waqt id-dħul u l-ħruġ ta' cruise liners u vapuri oħra iżgħar fil-Port il-Kbir